**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 12 ta' Marzu, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Xuereb)**

**-vs-**

**Angelo Vella, detentur ta` karta tal-Identita' numru 710655(M).**

*Kumpilazzjoni Nru. 141/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Angelo Vella u ċioè talli:

> Fix-xahar ta` Frar, 2018, u fix-xhur u sena ta` qabel, f`dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda -
>
> 1. ikkorrompa lil Anthony Mercieca, impjegat mal-Kumpanija Support Services Ltd, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab jew irċieva jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f`utli iehor, jew ta` xi vantaġġ ieħor li għalihom Anthony Mercieca ma kellux jedd u, dan bi ksur tal-artikoli 115(1)(c), 120(1), 121(3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-

proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni ferm bikrija tieghu, tal-fatt li l-imputat ikkowopera bi shih mal-pulizija, u tac-cirkostanzi l-ohra kollha inkluz tal-fedina penali tieghu tieghu minn fejn tirrizulta biss vjolazzjoni ta' regolament tat-traffiku fl-1981.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 115(1)(c), 120(1) u 121(3) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghoxrin (20) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti, wara li rat l-artikolu 119 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna ukoll fil-konfront ta' l-imputat l-**interdizzjoni generali perpetwa** u ghal dan il-ghan u ai termini tal-artikolu 10(7) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta,

Tordna li s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tigi pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**